# BĦAL SOKRATE!...

—Ara x-Xadina, ara x-Xadina...

Ix-Xadina waqaf u dar l-ura. Erba' jew ħamest itfal, imqatta' u maħmuġa, waqfu mit-tgħajir tagħhom u telqu jiġru beżgħana. Wara li tbiedgħu ftit, il-bogħod qawwielhom qalbhom u mill-ġdid bdew jgħajtu b'kemm kellhom saħħa:

—Ara x-Xadina, ara x-Xadina...

Ix-Xadina raha li magħhom ma sata' jagħmel xejn, ċaqlaq rasu, heżheż snienu, heddidhom bil-bastun (biċċa zokk ta' siġra) u, izappap, telaq għal xogħlu. Kieku qabadhom x'kien se' jagħmlilhom? Xejn! għax ix-Xadina kien iħobbhom ittfal, kien iħobbhom daqs dawl għajnejh, kien iħobbhom l-aktar għax kien jaf li tfal minn tiegħu żgur qatt ma jkollu. Għax

ix-Xadina, kliem bejnietna, kien ikrah daqs ma' nafx x'kien, daqs xadina. Għall-ewwel li kien deher f'dak ir-raħal, mitluf qalb il-blat għeri u taħt dik il-qilla fax-xemx, it-tfal telqu jiġru mlikkma, in-nisa għamlu salib fuq żakkhom biex Alla jeħlishom minn xi għaġeb bħal dak, l-irġiel bil-kemm riedu jemmnu għajnejhom. Iżda mita raw li, fl-aħħar minn l-aħħar, hu kien bniedem bħal ħaddieħor, jiekol u jitkellem bħalhom, bdew iduru ma' dwaru biex jaqtgħu ftit il-kursità li kellhom fuqu.

—Gesù Marija, qalet waħda, dak x'ikun?

—Dak mnejn ġiè?

—Dak bniedem?

U billi x-Xadina għall-mistoqsijiet li kienu jagħmlulu qatt ma' kien iwieġeb u la qatt qalilhom minn fejn ġie u l-anqas x'jismu, bdew jaraw u jiftiehmu bejniethom kif jaqbdu jsejħulu. B'isem ta' bniedem lè, għax (kif qalulhom l-iżjed xjuħ għaqlija tar-raħal) issa li għandhom bżonn ta' l-ilma biex jiżirgħu l-patata, ma' jmurx xi Kaddis jieħu għalih, jiftiehem ma' San Bartilmew u jżommilhom ix-xita. Ma jiftakrux, seba' snin ilu, mita Peppu ta' Kejla kien ġibed waħda ħoxna, l-anqas qatra xita biss ma kienet għamlet u l-patata u l-miżirgħa l-oħra kienet kollha nixfet? U ħmistax il-sena ilu? U sitta u erbgħin sena ilu...? U lè, lè, mal-Kaddisin m'hemmx logħob, dawk jistgħu kollox. Allura x'jaqbdu jsejħulu? Ħmar? Kelb? Bagħal? Imma dawk ma kenux koroh daqsu u mbagħad dawk l-annimali x'tort kellhom jekk dan inzerta ikrah biex issejjaħlu b'isimhom? Ħadd ma' saqsa x'tort kellu x-Xadina li nzerta hekk! Fl-aħħar, wieħed li kien għadu kemm ġie minn l-Amerki, qallhom li hu kien ra annimal ikrah bħalu: ix-Xadina Kif tkun? Imnieħer imfattar, ħalq kbir, għajnejn żgħar, ras kbira. . . Mela bħal dak li ġiè! għajjat kullħadd u minn dak in-nhar il-quddiem għammduh mill-ġdid u sejħulu "ix-Xadina".

Ix-Xadina kien jaf li tfal minn tiegħu ma' jistax ikollu għax min kienet dik il-mara li f'żgħożitu kienet sejra tieħdu b'dik il-kruha kollha. U issa kien xiħ, tfal żgur qatt ma jkollu! X'ħin kien jaħseb hekk, kien iħoss qalbu tingħafas, kien iħoss ġismu jitriegħed, għajnejh idemmgħu u kien imur jistaħba x'imkien u jibda jibki bħal tarbija. Imbagħad kien iħoss qalbu timtela bil-mibegħda, mibegħda lejn ommu u missieru li ma' kienx jaf, mibegħda lejn in-nies kollha li kienu jiddieħku bih, mibegħda lejn kull minn kien jara' quddiemu. Hu kien jaf li kien ikrah, b'dik is-sieq iqsar mill-oħra, b'dak il-ġisem qsajjar u niexef, b'dik ir-ras kbira kbira

u tonda biex tpatti għaċ-ċokon ta' ġismu: u hu kien irid jaf il-għaliex kien magħmul, il-għaliex ma kienx bħall-bnedmin l-oħra.

Għax ix-Xadina ġo dik il-kruha ta' ras, kellu moħħ tajjeb, moħħ li jaf jifli u jagħżel bejn ħaġa' u oħra, moħħ li jaf igħarbel kull ma' jaqra u kull ma' jisma u jżomm dak biss li kien jogħġbu. Għal kull ħaġa li kien jisma, għal kull ħaġa li kien jaqra, kien idaħħal il-għaliex tiegħu u kemm il-darba din ma' kenitx iżżomm tagħha quddiem ir-raġunament tiegħu kien imaqdarha u jibgħatha tilħaq lil tant ħwejjeġ oħra li kienet messithom l-istess xorti. Il-gost tax-Xadina kien dak li jirraġuna, jirraġuna, jirraġuna, tajjeb jew ħażin, fuq kullħadd u fuq kollox, iġib fix-xejn bi kliemu dak li kullħadd kien iżomm bħala ħaġa tajba u minnha, joħloq ma' dwaru l-aktar ħwejjeġ ċari u żguri bħal dinja ta' ċpar u jwaqqagħhom mill-għoli li kienu fihom. Għax ix-Xadina, għalkemm ma' damx l-iskola aktar minn sebgħa snin, kien ta ruħu u ġismu għall-filosofija. L-elementi tagħha tgħallimhom bħala xejn, stħajjilhom logħob ta' tfal bil-*maggiore* u bil-*minore* tiela' u nieżel u ħafna kliem ieħor li ħlief l-isem ma' kellhomx tqil u kien għoddu beda jitlef l-istima u l-imħabba li kienet ġietu għall-filosofija bla ma huwa stess ma kien jaf kif u għaliex; imma meta beda jaqra kotba sħaħ bla ma jifhem kelma, mita kien joqgħod jaqleb folja wara folja biex jistad xi kelma ftit anqas ġdida u tqila għalih mill-oħra, mita kien joqgħod igħajjat l-ismijiet tal-filosfi kbar biex jismagħhom jidwu ġo widintu, Kant, Hoegel, Spencer, Nietzche eċċ. kien iħoss ġo ruħu ċertu gost li qatt ma kien ħassu, ċerta ħlewwa ta' qalb li kienet tfarraġlu d-dwejjaq li kien ikollu. Imma aqra u ġib min jaqra, agħfas il-lum u agħfas għada, fl-aħħar beda jifhem xi ftit dak li riedu jgħidu dawk in-nies kbar, beda jara ċ-ċpar li kellu quddiem għajnejh jiċċara bil-mod il-mod u jitbiegħed, beda jħoss li issa hu xi ħaġa akbar minn qabel. Mhux hekk biss, imma issa wkoll beda jieħu xi ftit tal-kunfidenza magħhom, issa jati raġun lill-Hoegel, issa jgħid li ma jaqbilx f'kollox ma' Kant, issa ħaġa u issa oħra. Ma' tul ħajtu kollha, sittin sena tbatija u dwejjaq, ma kienx iltaqa' ma' bniedem wieħed biss li kien farraġlu qalbu tant anqas li ried ikun ħabibu; riedu jkunu dawn, Kant, Haegel, Spencer eċċ. biex qabel ma' jmut ikun sab xi ħadd li messlu qalbu bil-ħlewwa ta' kliemu.

U x-Xadina, daqxejn ta' xwejjaħ irqiq irqiq, b'dik ir-ras kollha fuq għonqu u jfekren l-hawn u l-hemm bil-bastun quddiemu, tistennieh minn mument għal ieħor jinħall taħt

dik ix-xemx ta' nofs inhar, baqa' sejjer għal trîqtu, daqxejn ta' trîq qalb l-egħlieqi, kollu ħosbien u miġbur fih in-nifsu. Tassew! imkien ma kien sab ħalib li qatt farraġlu qalbu f'dak in-niket ta' ħajja bla fejda, imkien. Dawn riedu jkunu biex bħal xaqq ta' dawl ifeġġ fuqu, biex irabbi ftit tal-ħila u jgħaddi l-erbgħat ijiem li fadallu ħieni. Dnub li qatt ma kien rahom, li ma kienx jafhom. Kemm kieku kien jagħfsilhom idejhom, kemm kien jiżżiħajr lilhom talli kienu tawh tant sigħat ta' hena, kemm kien ixarrbilhom... iva, ixarrbilhom idejhom bid-dmugħ ta' ferħ li kien jinżillu minn għajnejh u b'liema ħrara kien iressaqhomlhom bejn xofftejh u jbushomlhom... U x-Xadina, bla ma' jinduna, kien iressaq ras ilbastun lejn xofftejh u jbusha bl-istess ħrara li biha, kieku seta', kien ibus idejn wieħed minn dawk il-filosfi. X'ħin kien jinduna bl-iżball, kien jitbissem, iċaqlaq rasu u jagħder lilu in-nifsu... u min jaf kif kienu? Aristotele, Platone, Hoegel, Kant, eċċ.? Tgħid xjuħ bħalu? Lè, lè, kif seta' jkun, nies bħal dawk! Għalih, biex tkun filosfu kbir, trid tkun għaref, u jkollok ġisem sabiħ tkun maħbub minn kullħadd u ħafna ħwejjeġ oħra li hu ma' kellux. Imma mita qara Diogene, x'kien u x'ma' kienx, ħass xi ħaġa ġdida ġo fih, xi ħaġa li anqas hu stess ma sata' jgħid x'inhija, bħal ferħ kbir, bħal ħbiberija kbira lejn dak l-imsejken ta' Diogene li bħalu kien ikrah, bħalu kien imdawwar bil-mibegħda, ħass imħabba kbira lejh għax urieh li wkoll jekk tkun bħal ma' kien hu kont tista' issir filosfu. U ferħan b'dan li kien sab, li hu wkoll seta' jsir filosfu, beda jaħseb u jirraġuna fuq kullħadd u fuq kollox, jiddeffes kullimkien u jikser bir-raġunamenti tiegħu ras in-nies. L-akbar ferħ tax-Xadina kien li joqgħod iġib quddiem għajnejh dak ix-xwejjaħ ta' Diogene, milwi tnejn, oħxon oħxon, b'wiċċ maħruq mix-xemx, b'għajnejh. . iva b'għajnu x-xellugija awtonoma, tħares il-fejn trid bla ma qatt tobdi lilu. Hu ma kienx jaf jekk Diogene kienx tas-sew hekk, dik kienet ħaġa żgħira għalih; dak li kien igħodd kien li kuddiem għajnejh Diogene kien dejjem jidher hekk, milwi tnejn, oħxon oħxon, b'wiċċ maħruq mix-xemx, b'għajnu x-xellugija werċa jew biex Diogene ma' jeħux għalih kien isejħilha awtonoma. Ċertament, dik l-awtonomija ta' għajn Diogene kienet ta' importanza kbira għalih għax mill-fattizzi tiegħu kollha dik l-aktar li kienet għamlet impressjoni fuqu, kulltant kien jaħseb minn jaf x'kien sar ġo ras Diogene biex dik il-għajn ħadet l-awtonomija, isir tant qtil issoltu biex jieħduha!... U, kollu ferħan, ix-Xadina kompla miexi, jagħder biċ-ċaqliq ta' rasu u b'daqsxejn ta' tbissima, dawk id-difetti li kien jara Diogene imżejjen bihom!...

—Ma, ma, erfagħni, ġej ix-Xadina!

Ix-Xadina stenbaħ mill-ħsibijiet li kien fihom, refa' rasu, ħares kuddiemu u ra ġejja lejh mara mikula mix-xogħol u b'żaqq daqs qolla, b'qatta ħaxix fuq rasha u b'daqsxejn ta' tifla mdendla, f'idha. Xħin raha dik id-daqsxejn ta' tifla tibża' minnu u titrekken m'ommha u lemaħ lil din tagħmel salib fuq żaqqha, fuq dik iż-żaqq xhieda ta' tant kruha u tbatija, ħass għafsa ta' qalb kbira u xtâq isaqsihom x'qatt għamlilhom hu biex iġagħluh isofri dak kollu. Hu kien iħoss wisq xħin kien jara dawk it-tfal li tant iħobb jaħarbuh u jibżgħu minnu hekk, hu, li għalihom kien lest biex jati ħajtu! Quddiem it-tfal, Kant, Hoegel, Nietzche eċċ. ukoll Diogene, b'dik il-għajn awtonoma, kienu kollha jtiru mar-riħ! Iżda issa l-aktar li ħass għaliex dik it-tifla kienet ġibditu iżjed mill-oħrajn kollha, kienet qanqlitlu l-imħabba ta' missier li xtaq isir, kienet ġagħlitu, kemm-il-darba, jaqla' tgħajir minn għand in-nies, dejjem lesti biex jaħsbu ħażin, talli kien iħobb wisq jersaq lejha. Għax-Xadina, li għal kull ħaġa kien isaqsi għaliex, kienet umiljazzjoni kbira li ma jistax iwieġeb għaliex din it-tifla, imgerrxa mgerrxa u forsi agħar minn ħaddieħor, kienet qanqlet fih dak kollu. Għalxejn kien igħid li, fl-aħħar, dik it-tifla ma kenitx ħlief biċċa laħam u għadam, li la tikber ftit ieħor tkun l-ewwel waħda li tmur tiġri warajh tissuttaħ il-ġebel u tgħajru kemm tiflaħ, għalxejn. L-imħabba ta' missier li kien iħoss fih għal dik it-tifla kienet xi ħaġa li qatt ma kien ħass f'ħajtu, kienet il-ġamra tan-nar li kien għada ssaħħan dak id-demm kiesaħ miż-żmien u mit-tbatija. B'ħafna raġunamenti kien wasal biex igħid li t-tfal għandhom ikunu ta' min iħobbhom, li l-imħabba tati l-jedd li wieħed jieħu dak li jħobb, li t-tfal għandhom ikunu ta' kullħadd ukoll ta' dawk li qatt ma kellhom. Ma kienx jidher ċar li dik l-omm ma' kenitx tħobb lil bintha biex teħodha tiġġerra qalb l-egħlieqi f'dik ix-xemx ta' nofs in-nhar? Kieku taqbadha xemxata u tmur id-dinja l-oħra f'radda ta' salib, x'kien jagħmel hu? U jekk dik l-omm ma' kien jinpurtaha xejn minn bintha għax kien jista' jkollha oħra, ma' kellux hu jeħodha taħt idejh u jindukraha hu minflok ommha?

U fl-aħħar, it-tentazzjoni kienet qawwija wisq biex hu seta' jirresisti. Kien sejjer lejn id-dar, daqsxejn ta' għorfa mwarrba mir-raħal, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, u ltaqa' ma dik it-tifla tibki.

—Ċkejkna, x'għandna?... Tibki!... Xi ġralna? Mitlufa?!... Ah! Tibżax, tibżax binti, jien dejjem għedt li dik ma ħaqqiex tkun ommok, in-nisa maltin it-tfal jafu biss igibuhom fid-

dinja. Tibżâx, binti, tridx tmur man-nannu, trid, ruħi? Le?! Għaliex? In-nannu itik iċ-ċejċa, ikun iħobbok ħafna aktar mill-mamma... Trid? iva? imxi!...

U xħin dik id-daqsxejn ta' tifla mbeżża' mid-dlam rebħet il-biża' li kellha minnu u qaltu li trid tmur miegħu, ix-Xadina ħass ruħu jrid itir bil-ferħ, ħass lil qalbu tħabbat iżjed imgħaġġla mis-soltu, ħass li issa ħajtu għandu għalfejn jgħixha u l-mibegħda li kellu għall-oħrajn sfat fix-xejn u taret mar-riħ. Wasal id-dar, taha tiekol għamlilha daqsxejn ta' friex f'rokna, meddha torqod u hu qagħad bil-qiegħda ħdejn rasha imelsilha xuxitha u jgħannilha minn taħt l-ilsien biex għajnha tmur biha, qigħad imellsilha u jgħannilha bħal ma tant kien jixtieq li jagħmel lil uliedu li qatt ma kellu. U ħsiebu, waqt li hu kien hemm hekk, beda jdur ma' kullimkien kollu ferħan, kollu ħieni, għax issa x-xewqa ta' ħajtu kien laħaqha. Beda jara ruħu, 15-il-sena oħra, jixjieħ ferm milli kien, b'dik ir-ras dejjem kbira, tonda, iżewweġ lil dik it-tifla, li tkun xebba l-ġmiel tagħha, ma' l-isbaħ żgħażugħ tar-raħal. Ħames snin oħra u hu jkun bil-qiegħda fi ġnien fuq pultruna, ma' jkunx għadu jista' jimxi iżjed, it-tmenin sena li jkollu jkunu għamlu bih sewwa. Ikun q'ed jieħu nagħsa u jħoss min jiġbidlu mnieħru u jisma' bħal daħka miżmuma. Jiftaħ għajnejh u jilmaħ quddiemu daqsxejn ta' tifel, il-ġmiel tiegħu, li jinfexx jidħak u jixteħet f'ħoġru jgħajjat nannu... Nannu? Oh! x'ferħ tisma' min igħajjatlek hekk... Inbagħad jara ġej ieħor, u ieħor, u ieħor... Santa! Diġa' erbgħa? Kemm għandu flus dak ir-raġel żagħżugħ u qawwi li hu kien taha lit-tifla li rabba! Inbagħad iħoss min imisslu rasu, jerfa' għajnejh u jara l'wiċċ daħkani tagħha: Missier, trid inġiblek ftit brodu!... Missier! U tisma' dan l-isem minn xebba hekk ħelwa!... Oh! Dak ta' fuq m'hux kattiv bħal ma kien jaħsbu qabel biex jerfagħu għal xjuħitu dik il-hena kollha... Inbagħad beda jara tfal ġejjin minn kullimkien, tfal, tfal, tfal... Il-ġnien imtela', id-dar imtliet, ir-raħal imtela u kollha jgħajtu nannu...Nannu! nannu! nannu!...

F'daqqa stenbaħ. Erba' taħbitiet qawwija lill-bieb qajmuh mill-ħolma li kien jagħmel; it-tifla kien għadha rieqda. Mesaħ għajnejh b'dahar idu, reġa' sama' t-taħbit u mar iħares mit-tieqa. Kien għadu q'ed jisbaħ. Taħtu, lemaħ qatta rġiel u nisa, min b'ħaġar u min b'imgħażqa f'idu, tħares lejh u biċ-ċiera u thedded u tgħajjat.

—Nannu, nannu, nannu, imissek int u tagħmel dan?

—Ja wiċċ ta' moqżież!

—Tini l-binti.

—Ja wiċċ ta' hekk ! Ja wiċċ ta' dan ! Ja wiċċ ta' dak !— u kullħadd beda jżid mill-aħjar li seta'.

Ix-Xadina mill-ewwel fehem kollox. Daħal il-ġewwa, qabad it-tifla u wrihilhom mit-tieqa.

—Hawn arawha, għadha rieqda !

Malli lemħuha, l-agħjat, it-tisfir, it-tgħajir, it-theddid kiber. It-tifla stenbħet u bdiet tgħajjat u twerżaq kollha mbeżża'. Ix-Xadina sfar u triegħed : lemaħ ġejjin tliet pulizija mgħaġġla.

—Jien xiħ !

—Iftaħ ! Hawn il-ġustizja !

Ix-Xadina ċaqlaq rashu : kienet ħaġa naturali li huma jaħsbu fih hekk, huma !... Mesaħ żewġ demgħat b'dahar idu, xeħet il-kappel qadim u maħmuġ kif ġie ġie f'rasu, f'idu il-waħda qabad il-bastun u fl-oħra id it-tifla u niżel jiftaħ.

Malli fetaħ il-bieb u tfaċċa fil-beraħ, bħal ragħda ta' agħjat dagħa, tisfir, tehdid qamet minn dik il-ġemgħa miġbura quddiemu. L-omm ħatfitlu t-tifla minn idejh u bdiet tbusha u tgħannaqha magħha, il-missier ried bil-fors jaħbat għalih. Ix-Xadina kien għoddu xjieħ għoxrin sena f'daqqa, baqa' jħares ċass bla ma jifhem dak li kien jisma' u bla ma jitniffes għal dawk l-insulti li bdew jagħmlulu, biss kulltant kien jidher iċaqlaq rasu u jgerger waħdu : Bħal Sokrate !... Bħal Sokrate !...

Il-pulizija poġġewh bejniethom biex ħadd ma jmissu u telqu bih, imdawra bin-nies li kull ma tmur bdiet iżjed tinġama'. U aktar ma n-nies bdiet tinġama', aktar it-tgħajir u t-tehdid beda jiżdied u issa xi mbuttatura u xi daqqa fuq rasu bdew inewlulu wkoll. Ix-Xadina ma kienx ikellimhom, min-nies bħal dawk ma kontx tistenna ħaġ'oħra, min-nies magħġuna fit-tajn ma satax joħroġ ħlief tajn ieħor. L-anqas kien għadu jogħbodhom iżjed, biex ħasbu dak fih u kienu qegħdin jagħmlulu hekk, lilu ! bil-fors kienu l-koll imġienen.

—Bħal Sokrate !... Bħal Sokrate !...

**Ġużè Bonnici.**